**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 92/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Stefan Gatt**

Illum, 28 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Stefan Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 445286(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' bejn 18:30hrs u 18:45hrs, waqt li kien ġewwa Triq l-Ewwel Żbark tat-Torok, Żejtun, magħrufa ukoll bħala Triq taċ-Ċawsli, Żejtun:

1. Bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu għan-nies, naqas li jżomm dak il-kelb taħt kontroll;
2. Sewwes il-kelb tiegħu sabiex jagħmel għal xi ħadd jew ma fittix li jżomm l-imsemmi kelb meta kien qed idejjaq lil xi ħadd;
3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'xi mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
4. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Miriam Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mit-tieni u mit-tielet u mir-raba' akkuża u wara li rat l-Artikolu 14(1) tal-Kap. 312, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu multa ta' €11.65 u ai termini ta' l-istess sub-inċiz u s-subinċiz (2), (3) u (4), ordnat id-distruzzjoni tal-imsemmi kelb għall-ispejjeż ta' sidu.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tat-18 ta' Frar 2022 u dana in kwantu sabitu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu, u konsegwentement tilliberah minnha, filwaqt illi tikkonfermaha dwar il-kumplament tal-akkużi fejn l-Ewwel Qorti lliberatu, filwaqt illi f'kaz li din l-Qorti tikkonferma tali ħtija anke fi stadju ta' appell, allura din l-Qorti għandha tordna kwalunkwe miżuri oħra anqas estremi li hija jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ, sabiex tiġi evitata u skartata kompletament id-distruzzjoni tal-kelb.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant iqajjem essenzjalment aggravju wieħed marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta sabet ħtija unikament għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, billi huwa kien illiberat mil-kumplament tal-imputazzjonijiet. Iressaq aggravju sussidjarju għal dak fil-mertu u dan fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhux daqstant in kwantu din tirreferi għal kundanna għal ħlas tal-piena pekunjarja, iżda f'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie ordnat id-distruzzjoni tal-kelb proprjeta' tiegħu billi jikkontendi illi din il-piena hija waħda ferm drakonjana.

Illi l-ilment ewlieni imqanqal mill-appellant huwa marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi *in primis*, jilmenta illi ma hemmx prova in atti illi l-allegat event kriminuż seħħ fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni. Dan għaliex, *inter alia*, il-parti offiża fix-xiehda tagħha ma setatx tindika d-data meta seħħ l-inċident. Jikkontendi illi ż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva ma kinitx tkopri iż-żmien ta' meta allegatament twettaq dan ir-reat mill-appellant.

Illi l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu ifassal dawk ir-rekwiżiti li ċ-ċitazzjoni għandha tindika u li permezz tagħha l-imputat jkun jista' jingħata avviż dwar in-natura tal-akkużi lilu addebitati bil-għan li jkun jista' iħejji d-difiża tiegħu: -

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, <u>bil-partikularitajiet ta' żmien</u>[2] u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Sottolinear tal-Qorti.

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smiegħ bid-difiza u bil-provi tiegħu *in difesa*, sabiex l-istess kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smiegħ. Madanakollu, tajjeb jingħad li nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Hekk intqal mill-din il-Qorti diversament ippresjeduta fil-kawża "<u>Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg</u>" deċiża fil-25 ta' Lulju 1994:–

> **L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
>
> **'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761).**

Illi, dan ifisser li ġialadarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali taċ-ċitazzjoni tkun giet ezawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni

ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Illi, mistqarra dawn il-prinċipji, il-Qorti tqis li mill-provi in atti hemm kunflitt dwar id-data meta effettivament seħħ l-inċident *de quo*. Illi fiċ-ċitazzjoni imressqa kontra l-appellant huwa jiġi mixli li wettaq ir-reati hemmhekk lilu addebitati nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena 2021, u ċioe f'data speċifika. Għalkemm fir-rapport tal-PIRS kif ukoll fl-affidavit redatt minn PS 1405 Dylan Gerada hemm indikata id-data tas-7 ta' Ottubru 2021 bħala dik id-data meta l-kelb tal-appellant allegatament gidem lill-parti offiża – liema data hija l-istess data ndikata fiċ-ċitazzjoni – ma ġew prodotti l-ebda provi oħra li jikkorroboraw l-istess. Tajjeb jingħad li din id-data ndikata fil-PIRS u fl-affidavit appena msemmija hija data li ingħatat lill-Pulizija Ezekuttiva propju mill-parti offiża meta għamlet ir-rapport tagħha. Ukoll huwa minnu li affidavit magħmul skond il-Liġi jagħmel prova minnu nnifsu u għandu valur probatorju, pero' huwa minnu ukoll li sabiex jintlaħaq il-grad ta' prova rikjest mill-Liġi, il-kontenut ta' l-istess affidavit irid isib konfort u korroborazzjoni mill-provi l-oħra prodotti fil-kors tal-proċeduri. Dan qed jingħad ukoll għaliex għalkemm mill-affidavit tas-surġent Gerada kif ukoll mir-rapport tal-PIRS jidher li l-pulizija elevat xi filmati maħruġa minn kameras tas-sigurta' fl-akwati u anke l-istess kienu eżaminati mill-pulizija u kienu mibgħuta lis-sezzjoni tal-forensika sabiex jinħarġu l-i*stills* minnhom (Dokument DC4), madanakollu la ġie eżebit dan il-filmat, la xehdu il-pulizija li allegatament raw dan il-filmat kif lanqas xehed il-pulizija mid-Dipartiment tal-Forensika li ħareġ ir-ritratti mill-filmat eżebiti bħala Dokument DC4, sabiex b'hekk seta' jkun hemm konferma tad-data meta seħħ l-inċident. L-*istills* li ġew prezentati ma għandhomx data stampata fuqhom, apparti

mill-fatt li lanqas ma juru l-inċident *de quo* u għaldaqstant il-valur probatorju tagħhom huwa minimu u ma jitfgħu l-ebda dawl fuq il-kwistjoni ta' meta allegatament seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti tinnota fuq kollox li meta l-parti offiża xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, qatt ma ndikat id-data preċiża ta' meta seħħ l-allegat inċident, anzi irreferiet għax-xahar ta' **Settembru tas-sena 2021.** Pero' fl-ebda ħin ma amplifikat fuq l-istess jew tat data speċifika kif kienet għamlet meta rraportat lill-Pulizija Ezekuttiva u lanqas ma ġiet mistoqsija fir-rigward mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-istess jista' jingħad dwar iċ-ċertifikat mediku ppreżentat in atti, liema ċertifikat għandu d-data tas-7 ta' Ottubru 2021. Il-Qorti tirrimarka li ma hemm xejn fl-istess ċertifikat li jorbot il-ġrieħi subiti ma' allegata gidma ta' kelb. Kulma jindika l-istess ċertifikat huwa li nhar is-07 ta' Ottubru 2021, il-parti offiża ġiet eżaminata mit-tabib u nstab li kellha "*Bruise, erythema and abrasions on posterior aspect of right thigh just below gluteal fold*", jiġifieri, tbenġila, ħmura u brix, iżda mhux gdim. Il-parti offiża saħqet ukoll li t-tabib li nvistaha kien qalilha sabiex tmur tieħu l-*injection* tat-tetnu, pero' l-istess ma tirrizultax la miċ-ċertifikat mediku u wisq anqas mill-affidavit tat-tabib.

Illi huwa risaput li "*hija regola tal-proċedura kriminali li prova trid tkun sħiħa u sodisfaċenti*"[3]. Ukoll, prinċipju fundamentali ieħor tal-proċess ġudizzjarju fil-kamp penali huwa li provi miġbura jridu jwasslu għal sejbien ta' ħtija mingħajr dubbju dettat mir-raġuni, "*u jekk jezisti dan id-dubbju, dan imur favur l-akkuzat*"[4].

Illi l-uniku prova li titfa' dawl fuq iż-żmien meta seħħ l-allegat event kriminuż toħroġ unikament mix-xiehda tal-parti offiża, liema xiehda hija waħda dubbjuża. Lanqas il-ġrieħi sofferti minn Borg ma huma indikattivi li jirriżultaw minn gidma ta' kelb. Illi l-Qorti fil-fatt tinsab kemmxejn perplessa kif l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant illi huwa naqas milli jżomm il-kelb tiegħu taħt kontroll, iżda imbagħad għaddiet biex tillibera lill-appellant minn dak l-aġir inkriminatorju li wassal sabiex il-parti offiża isofri xi ġrieħi u li allura kien hemm dik l-imġieba negliġenti u

[3] Il-Pulizija vs Paolo Farrugia, Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 01.08.1959.

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Jose Edgar Pena, Appell Kriminali (Sede Superjuri), 05.12.2012 & Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Appell Superjuri (Sede Superjuri), 05.07.2002.

imprudenti minn naħa tiegħu li huwa il-qofol tar-reat tal-offiża ta' natura involontarja. Illi għalkemm ir-reat maħsub fil-Kapitolu 312 huwa reat indipendenti minn dak imfassal fl-artikolu 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu sabiex setgħet tirriżulta l-ħtija għall-ewwel imputazzjoni, neċessarjament irid jirriżulta dak il-komportament li jinsab in vjolazzjoni tar-regolamenti li allura jammonta għal imprudenza u/jew negliġenza li titkellem dwarha il-liġi u dan sabiex b'hekk jirriżulta in-ness bejn il-ħsara kkaġjonata u l-event dannuż.

Illi, dan kollu jwassal lill-Qorti għall-konkluzzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati ma kienitx korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra l-appellant setgħet tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati ma kienitx korretta lanqas fir-raġunament tagħha li sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u dana għaliex, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li r-reat addebitat lilu filfatt twettaq fil-parametri temporali hekk kif ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontrih. Jingħad ukoll illi mill-provi jemerġi illi l-kelb li allegatment agredixxa lil parti offiża kien il-ħin kollu taħt il-kontroll ta' sidu. Kien marbut biċ-ċinga u kien imrażżan sabiex b'hekk lanqas jista' jingħad illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ippruvata aktar u aktar meta, kif ingħad, l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mir-raba' imputazzjoni fejn allegatament il-kelb ikkaġuna l-ferita rappurtata. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li ssib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi, stante dawn il-konkluzzjonijiet raġġunti, il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha fl-aggravji rimanenti.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ma nstabx ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontrih; u**

2. **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u minflok tilliberah mill-istess u minn kwalunkwe ħtija u piena mposta fuqu.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**